# BANDA 12th MAY

Il-Każin 12th May twaqqaf uffiċjalment fit-22 ta' Ottubru 1961 fejn ħadet sehem il-Banda Pinto ta' Ħal Qormi, u żżanżan l-istandard uffiċjali tal-Każin bil-Kumitat tiegħu u b'numru ta' xi 120 membru. Il-fundatur kien is-Sur Filippu Grech. Fl-1962, dejjem bit-tħabrik tal-Kumitat u l-membri, ġiet iffurmata l-Banda 12th May li ħadet sehem fil-festa titulari ta' San Filep ta' l-istess sena u f'Diċembru l-banda ħarġet tagħmel marċ fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju tal-Banda Pinto ta' Ħal Qormi.

Fis-sena 1963 ħabat iċ-ċentinarju ta' l-istatwa ta' San Filep u għal din l-okkażjoni l-Banda għamlet marċ brijuż u programm vokali u strumentali taħt id-direzzjoni tas-surmast tagħha Mro. Amante Attard A. Mus. L.C.M. Għal din l-okkażjoni attenda Mons. Arċisqof u hekk saret l-ewwel żjara tiegħu fil-każin fost l-entużjażmu kbir tal-poplu Żebbuġi. Fl-1967 fl-okkażjoni tal-festi nazzjonali, il-banda rappreżentat lil M.B.C. Ass billi għamlet marċ u programm fil-belt Valletta fejn qatgħet figura tassew sabiħa. Ta' kull sena l-Banda 12th May kompliet tagħti s-servizzi tagħha fil-festa titulari b'diversi marċijiet u programmi strumentali fl-aħħar jum tat-Tridu.

Wara s-Surmast Amante Attard ħa f'idejh id-direzzjoni tal-banda Mro. Henry Camilleri L. Mus. L.C.M. Taħt id-direzzjoni tiegħu l-banda esegwiet diversi programmi u akkademji mill-aqwa, fost l-oħrajn ta' min insemmu l-programm kbir li l-Banda esegwiet fl-okkażjoni tal-festi tal-25 sena. Is-Surmast Camilleri dam jidderieġi l-banda tnax-il sena sħaħ u fil-preżent ġie maħtur Surmast Onorarju. Warajh ħa d-direzzjoni tal-banda Mro. Raymond Fenech F.L.C.M. fejn dam sena biss.

Matul is-snin il-Banda kellha diversi stediniet f'Malta u Għawdex, fosthom dak ta' San Duminku, il-Belt u Santa Marija fil-Belt Vittorja, Għawdex, servizzi li għadha tagħmel sal-lum.

Fil-preżent il-Banda tinsab taħt id-direzzjoni ta' Mro. Charles Cachia b'numru sabiħ ta' bandisti tal-post.